

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Jannar 2015 – Trentea vs FRA**(Kawża T-107/13 P) <sup>(1)</sup>

**“Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Reklutaġġ — Deċiżjoni ta’ ċaħda tal-kandidatura u ta’ ħatra ta’ kandidat ieħor — Aggravju li tqajjem għall-ewwel darba fis-seduta — Żnaturament tal-provi — Obbligu ta’ motivazzjoni — Kontestazzjoni tal-kundanna għall-ispejjeż”**

(2015/C 065/42)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Appellanti: Cornelia Trentea (Barcelone, Spanja) (rappreżentanti: L. Levi u M. Vandebussche, avukati)

Parti oħra fil-proċedura: L-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) (rappreżentanti: M. Kjærum, aġent, assistit B. Wägenbaur, avukat)

**Suġġett**

Appell ippreżentat mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (L-Ewwel Awla) tal-11 ta' Diċembru 2012, Trentea vs FRA (F-112/10, ĠabraFP, EU:F:2012:179), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) C. Trentea għandha tbat i-ispejjeż tagħha stess kif ukoll dawk sostnuti mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fil-kuntest ta' din l-istanza.

<sup>(1)</sup> ĠU C 129, 4.5.2013.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali 14 ta' Jannar 2015 – dm-drogerie markt vs UASI – V-Contact Kereskedelmi és Szolgáltató (CAMEA)**(Kawża T-195/13) <sup>(1)</sup>

**[“Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Applikazzjoni għat-trade mark Komunitarja verbali CAMEA — Trade mark nazzjonali figurattiva preċedenti BALEA — Raġunijiet relattivi għal rifjut — Assenza ta’ probabbiltà ta’ konfużjoni — Assenza ta’ xebh bejn is-sinjali — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/200”]**

(2015/C 065/43)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

**Partijiet**

Rikorrenti: dm-drogerie markt GmbH &amp; Co. KG (Karlsruhe, il-Ġermanja) (rappreżentanti: B. Beinert, O. Bludovsky u T. Strack, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: J. Németh, P. Geroulakos u V. Melgar, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: V-Contact Kereskedelmi és Szolgáltató Kft (Szada, l-Ungerija) (rappreżentant: A. Krajnyák, avukat)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tas-17 ta' Jannar 2013 (Każ R 452/2012-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn dm-drogerie markt GmbH &amp; Co. KG u V-Contact Kereskedelmi és Szolgáltató Kft.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *dm-drogerie markt GmbH & Co. KG* hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 171, 15.06.2013

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Jannar 2015 – MEM vs UASI (MONACO)**

(Kawża T-197/13) <sup>(1)</sup>

**“Trade mark Komunitarja — Reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Komunità Ewropea — Trade mark verbali MONACO — Raġunijiet assoluti għal rifjut — Karattru deskrittiv — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 151(1) u Artikolu 154(1) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 7(1) (b) u (c) u Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 207/2009 — Rifjut parzjali ta' protezzjoni”**

(2015/C 065/44)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Marques de l'État de Monaco (MEM) (Monako, Monako) (rappreżentant: S. Arnaud, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: V. Melgar, aġent)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċizzjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tad-29 ta' Jannar 2013 (Każ R 113/2012-4), dwar ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika lill-Komunità Ewropea tat-trade mark verbali MONACO.

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *Marques de l'État de Monaco (MEM)* hija kkundannata għall-ispejjeż.

---

<sup>(1)</sup> ĠU C 156, 01.06.2013.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-14 ta' Jannar 2015 – Gossio vs Il-Kunsill**

(Kawża T-406/13) <sup>(1)</sup>

**“Politika barranija u ta' sigurtà komuni — Miżuri restrittivi speċifiċi meħuda kontra ċerti persuni u entitajiet fir-rigward tas-sitwazzjoni fil-Côte d'Ivoire — Iffriżar ta' fondi — Użu ħażin ta' poter — Żball manifest ta' evalwazzjoni — Drittijiet fundamentali”**

(2015/C 065/45)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrent: Marcel Gossio (Abidjan, il-Côte d'Ivoire) (rappreżentant: S. Zokou, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Driessen u G. Étienne, aġenti)